**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 26 ta' April 2016**

**Rikors Numru 49/2015**

**Daniel Aquilina**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Daniel Aquilina** pprezentat fil-5 ta' Awissu 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent jahdem bhala gwardjan, u ilu ghal din l-ahhar sena assenjat fl-isptar Mater Dei.*

*Illi l-esponent mar sabiex igedded il-licenzja tieghu dwar dan ix-xoghol, li tinhareg mil-Kummissarju tal-Pulizija lill-Gwardjani Privati, madanakollu permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2015, li qed tigi annessa u markata bhala* ***Dok 'A'****, gie infurmat li t-talba tieghu ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku a tenur tal-Art. 10(b) tal-Kap 389.*

*Illi fid-decizjoni tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija kompla jindika li t-talba ghat-tigdid tal-licenzja ma tistax tigi milqugha minhabba li l-esponent gie misjub hati ta' reat minn Qorti ta' gurisdizzjoni penali.*

*Illi din id-decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli u bazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

*Illi ghandu jigi rilevat illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi instab fil-pussess semplici tad-droga kokaina. Ghandu jirrizulta li tul l-investigazzjonijiet dwar dan ir-reat, huwa ikkoopera bis-shih mal-Pulizija u anke` quddiem il-Qorti, tant illi l-Qorti tal-Magistrati qablet li l-esponent ma kien bl-ebda mod xi bniedem refrattarju u l-piena li nghata kienet tirrifletti dan, tant li gie liberat bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor matul it-terminu moghti mill-istess Qorti.*

*Illi huwa minnu li l-esponent naqas meta kiser ir-regolamenti li jirregolaw id-droga, izda tali nuqqas, li indubbjament ma hux ser jerga' jigi ripetut, ma jikkostitwixxix perikolu ghall-interess pubbliku fil-qadi tad-dmirijiet tal-esponent bhala gwardjan privat. Illi bhala fatt, is-sentenza fil-konfront tal-esponent ilha xhur li nghatat, u tali problema qamet biss meta l-esponent gie biex igedded il-licenzja, jigifieri l-esponent ghamel xhur jahdem wara li nghatat is-sentenza u dejjem kien ezemplari f'xogholu.*

*Illi kif jirrizulta mill-ittra annessa datata 21 ta' Lulju 2015 filwaqt li l-Kummissarju tal-Pulizija ma laqax it-talba ghat-tigdid tal-licenzja minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389, ibbaza din ic-cahda fuq il-fatt li l-esponent gie misjub hati ta' reat fil-konfront tieghu. Permezz tal-Artikou 10(a)(i) il-legislatur haseb ghal dawk ic-cirkostanzi fejn il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jirrifjuta applikazzjoni ghal-hrug/tigdid ta' din il-licenzja u infatti indika b'mod specifiku fost ohrajn, li r-rifjut ghandu jsehh meta l-applikant ikun instab hati '……f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta'offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor'. Dan ifisser li jekk wiehed jargumenta a contrario sensu, hrug/tigdid ta' licenzja ma' tista qatt tigi rifjutata abbazi tal-fatt li applikant ikun instab hati ta' reat li ma jinkwadrax fil-kategorija tar-reati indikati fl-artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi hawnhekk jirrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija f'dan il-kaz indika l-Artikolu 10(b) biex flok jipprova jghaddi mill-bieb jghaddi mit-tieqa. Permezz ta' dan l-artikolu zgur li li ma kinitx il-fehma tal-legislatur li jaghti l-fakolta lill-Kummissarju tal-Pulizija li jezercita' s-seta' tieghu ta' diskrezzjoni u jichad talba ghal-hrug/tigdid ta' licenzja meta applikant ikun instab hati ta' reat iehor li ma jaqax fil-kategorija ta' reati indikati fl-artikolu 10 (a)(i).*

*Illi t-talba tal-esponent ghat-tigdid ta' licenzja, li giet michuda fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku, kienet tirrikjedi ezercizzju iktar approfondit minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni. Meta l-Kummissarju tal-Pulizija gie sabiex jichad it-talba ghal tigdid tal-licenzja tal-esponent naqas milli jaghmel indagni dwar l-assjem tal-fatti, u dan meta d-decizjoni tal-istess Kummissarju effettivament tfisser it-telfien tal-impieg tal-esponent.*

*Illi jigi umilment sottomess li dak li kellu jaghmel il-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kien li jqis oggettivament u korrettement il-fatti li kellu quddiemu, u kieku tali ezercizzju gie kondott korrettement, il-Kummissarju ma kienx jasal ghal dik il-konkluzjoni li effettivament wasal ghaliha.*

*Illi jekk l-esponent ser jahdem kif ilu jahdem bhala Gwardjan Privat, ma ser jinholoq ebda periklu ghall-interess pubbliku u b'hekk din id-decizjoni m'hijiex wahda ragjonevoli, aktar u aktar meta wiehed iqis li r-rikorrent ghandu track record ta' hajja lavorattiva tajba, apparti li fil-hajja tieghu ta' kuljum hu bniedem normali, jintegra tajjeb fis-socjeta`, m'ghandux vizzji, hu bniedem serju u matur, u ghadu sal-lum jiddispjacih mil-izball li ghamel; anzi llum jifhem kemm hu zbaljat min ihalli t-tentazzjoni teghleb il-buon sens, u fehem ukoll ir-responsabilita` li ghandu jerfa' kull cittadin.*

*Illi ghalhekk qieghed jigi umilment mitlub li dan it-Tribunal ihassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fl-ittra datata 21 ta' Lulju 2015 u b'hekk jigi ordnat li l-licenzja relattiva tinghata lill-esponent/tigi mgedda.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan it- Tribunal joghgbu:*

1. *Jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 21 ta' Lulju 2015;*

2. *Jordna lill-intimat igedded/jaghti l-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent;*

3. *Jaghti kwalunkwe` provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 28 ta' Awissu 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari l-attur ai termini tal-Artikolu 156 (4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jindika x'fatti u provi ħa jġibu dawk ix-xhieda li ġew minnu indikati.*

2. *Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma jġedidx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent.*

3. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponent jiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-esponent 'flok jipprova jghaddi mill-bieb jghaddi mit-tieqa' u jirrileva illi tali allegazzjoni hija waħda nfondata. Dan l-Onorabbli Tribunal diġa kellu diversi okkażjonijiet fejn seta` jissindika r-raġunijiet wara liċenzji li ġew rifjutati fl-interess pubbliku, u għalkemm kien hemm drabi fejn it-Tribunal ma qabilx mar-raġunijiet li ta l-Kummissarju tal-Pulizija għal tali deċiżjonijiet, kien hemm drabi wkoll fejn dan it-Tribunal fehem il-motivazzjoni wara d-deċiżjoni ta` rifjut fl-interess pubbliku u ta raġun lill-Kummissarju. Pero` qatt ma ġie deċiż jew instab illi l-Kummissarju nqeda bir-restrizzjoni fl-interess pubbliku b'mod indebitu sabiex jaqbad reati li ma humiex inklużi fis-subartikoli (a) (i)-(v) tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif qed jipprova jgħid ir-rikorrent.*

4. *Illi l-esponenti jixtieq jieħu l-okkazjoni li jsemmi żewġ sentenzi li fihom dan l-Onorabbli Tribunal diversament preseduta apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi biex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu*

*vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irid jirrikonoxxi illi l-liċenzja li applika għaliha hu, iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità, peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika, u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta` dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta` Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta` licenza ta` Gwardjan Privat......*
>
> *B'hekk* ***ghalkemm ir-Rikorrent certament ma huwhiex ta` xi minacca ghas-socjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess Rikorrent kellu jinghata licenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` gid ghalih u ghas-socjeta`. Konsegwentement ghalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.***[1]

5. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe`* ***mhux biss*** *b'rabta ma` xi biża` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali.*

6. *Illi għal darba oħra, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Daniel Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija****, deciza fil-11 ta` Gunju 2012, intqal illi:*

> ***Kif gustament osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija waqt it-trattazzjoni tal-kaz is-servizzi ta` gwardjani privati skont kif jirrizultaw mill-Artikolu [2] tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta, huma tali li ma jistax jigi permess li persuna li agixxiet bil-mod kif ghamel ir-Rikorrent ikollha licenza ta` Gwardjan Privat. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa korrett meta jqis li r-Rikorrent ma ghandux karattru sod bizzejjed u ma huwhiex sufficjentement affidabbli biex jigi permess lilu jahdem bhala Gwardjan Privat.***[2]
>
> *Fic-cirkostanza ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta li jgedded il-licenza ta` Gwardjan Privat tar-Rikorrent in bazi ghall-interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Daniel Aquilina ai termini tal-Artikolu 10 (b) tal-Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali. Jingħad illi l-esponent ser*

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.
[2] *Ibid.*

*iġib provi fil-mori tas-smigħ ta` dan ir-rikors, li ser juru eżattament għaliex inħass illi mhux fl-interess pubbliku li tiġġedded il-liċenzja tal-attur.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, a contrario ta' dak magħdud mill-attur, il-Kummissarju esponent jgawdi diskrezzjoni taħt l-Artikolu 10 (b) li jiċħad li joħroġ jew iġġeded liċenzja. Min-naħa l-oħra l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389. Li kieku l-leġislattur ma ridx li l-Kummissarju jingħata diskrezzjoni li jiddeċidi taħt binarji oħra li ma jaqgħux taħt is-subartikolu (a) defenittivament ma kienx sejjer iżid is-subartikolu (b). Għaldaqstant iżjieda ta' dak l-istess subartikolu kienet bl-intiża li l-Kummissarju jkollu deskrizzjoni fid-deċiżjoni tiegħu.*

9. *Illi di piu, l-esponent fl-ebda punt ta' deċiżjoni minnu meħudha ma' saret referenza ghall-Artikolu 10 (a) (i) u għaldaqstant bid-dovut rispett lanqas jista' l-attur jagħmel referenza b'mod speċifiku għal dan il-paragrafu u jibdni argument fittizju fuqu.*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistieden lir-rikorrent jindika fejn fl-ittra ta' rifjut ta' 21 ta' Lulju 2015 hemm imniżżel li Daniel Aquilina instab 'hati ta' reati minn Qorti ta' gurisdizzjoni penali'! Li wieħed isib fl-ittra ta' rifjut hija li d-deċiżjoni tieħdet 'ai termini ta' l-artikolu 10 (b) tal-Kapitlu 389 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba sentenzi li ghandek[3]'.*

11. *Illi ghalkemm huwa veru, illi r-rikorrent fl-4 ta' Marzu 2015 ingħata sentenza ta' liberata kondizzjonata taħt l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u li ai fini tal-Artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 dawn ma jistgħux jittieħdu bħala sejba ta' ħtija, dan ma jfissirx illi l-Kummissarju esponent ma jistax joħodhom in konsiderazzjoni ai fini ta' Artikolu 10 (b) tal-istess Att meta jiġi biex iqis persuna hix affidabbli jew le biex tingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat.*

12. *Illi finalment b'referenza għall-aħħar premessa mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax iġedded jew jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;[4]

Sema' x-xhieda ta' Mark Camilleri,[5] ta' Charles Aquilina,[6] u tas-Supretendent Ramon Mercieca;[7]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

---

[3] *Ibid.*
[4] A fol. 30 u 31
[5] A fol. 32 sa 33
[6] A fol. 35 sa 36
[7] A fol. 52 sa fol.53

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B`referenza ghat-tigdid tal-licenza tieghek ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba sentenzi li ghandek."*

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa kien diga jinsab fil-pussess ta' licenzja ta' gwardjan privat u dan wara li applika ghall-istess fis-sena 2014 u dan meta diga kien tressaq quddiem il-Qrati dwar reati ta' serq li ghalihom kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. Jghid li sussegwentement ghall-ghoti tal-licenzja ta' Gwardjan Privat huwa gie misjub hati ta' pussess ta' droga liema reat sehh fl-2013 u li ghalih gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar. Jispjega li wara li kien inghata l-licenzja ta' gwardjan privat huwa kien hadem mal-Kumpanija G4S fejn kien stazzjonat gewwa d-Dipartiment tal-Onkologija u li dejjem ghamel xogholu b'reqqa u dedikazzjoni sakemm eventwalment gie sospiz minhabba n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja *de quo.*

**Mark Camilleri** xehed illi huwa ghandu l-kariga ta' Operations Manager mal-Kumpanija G4S u li r-rikorrent kien impjegat mal-istess Kumpanija bhala gwardjan privat. Jghid li r-rikorrent dejjem kien ubbidjenti fuq il-post tax-xoghol.

**Charles Aquilina** spjega illi huwa missier ir-rikorrent u li jghid li ibnu ammetta li kien zbalja imma llum kien irriforma ruhu.

**Is-Supretendent Ramon Mercieca** stqarr illi *nonostante* li r-rikorrent kellu l-kundanna dwar ir-reat ta' serq xorta kienet inhargitlu l-licenzja de quo. Pero` wara li nghatat is-sentenza dwar ir-reat ta' pussess ta' droga il-Kummissarju hass li ma kellux igedded l-istess licenzja. Ix-xhud stqarr illi l-Kummissarju intimat kien irrifjuta t-tigdid peress li r-rikorrent **"kompla ghaddej fil-hajja mhux kif suppost li wiehed ghandu jkollu meta qed jaghmel ix-xoghol ta' Gwardjan Privat."** Jghid li qabel hareg ir-rifjut huwa kien ikkonsulta mal-Avukat Generali u abbazi ta' sentenza li kienet

inghatat fil-konfront ta' certu Carl Grima li kien instab hati ta' reati relatati ma' droga, waslu ghad-decizjoni tar-rifjut. Jispjega li kieku ma kinitx ghas-sentenza citata kieku l-licenzja favur ir-rikorrent kienet tinhareg.

Illi l-Kummissarju intimat esebixxa zewg sentenzi u verbal minn fejn jirrizultaw ir-reati dedotti fil-konfront tal-imputat fosthom dawk ta' serq u pussess ta' droga kokaina fejn fiz-zewg kazijiet gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu specifikat fl-istess sentenzi.[8]

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jisma' u jevalwa x-xhieda kollha mressqa quddiemu, inkluz il-kontro-ezami tar-rikorrent. Illi minn dak li seta' japprezza t-Tribunal il-licenzja *de quo* giet rifjutata in vista ta' sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut fl-ismijiet **Carl Grima vs Kumissarju tal-Pulizija** deciza fil-25 ta' Settembru 2012. Illi f'dik is-sentenza l-imsemmi Grima kien akkuzat talli "*kien komplici….f'delitt ta' pussess ta' droga kokajina…..billi ta ghodod jew mezzi ohra, u cioe` il-Karta ta' l-Identita` tieghu…..liema Karta ta' l-Identita` giet uzata fl-eghmil tad-delitt, meta kien jaf li kellha hekk tigi uzata u xjentement ghen jew assista lil ……..fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat u/jew sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel delitt…"*

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"…virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*"

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[9] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi

---

[8] Dok DA1, DA2, DA3 a fol. 50 sa 58
[9] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija. Illi dan it-Tribunal ma jaqbel xejn mal-argument imressaq mir-rikorrent fir-rikors promutur tieghu u cioe` li ladarba r-reati mwettqa minnu ma jidhlux entro l-parametri ta' l-artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, allura l-Kummissarju intimat ma setghax icahhdu mil-licenzja *de quo* abbazi tal-artikolu 10 (b). Dan it-Tribunal, ghalhekk, lanqas ma jaqbel illi bir-rifjut tieghu il-Kummissarju pprova jghaddi mit-tieqa flok jidhol mill-bieb. Il-Kummissarju intimat, *qua* Regolatur tal-imsemmija licenzji ghandu kull dritt, sakemm ikun gust u ragjonevoli, li jirrifjuta l-ghoti ta' licenzja fl-interess pubbliku anke abbazi ta' cirkostanzi li ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 10 (1) (a). Kieku ma kienx hemm allura s-subartikolu (b) kien ikun wiehed superfluwu.

Illi ghalhekk biex wiehed iqis id-decizjoni mehuda kinitx gusta o meno, irid jidhol fil-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[10] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja fi tlett okkazjonijiet differenti bejn l-2011 u l-2013. Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jezamina jekk minkejja t-twettiq tar-reati fuq citati, fil-bidu tal-ghoxrinijiet tieghu, hemmx raguni bizzejjed biex il-Kummissarju intimat irrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo*.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jgharbel id-deposizzjoni tas-Supretendent Ramon Mercieca fejn stqarr illi kieku r-rikorrent ma wettaqx ir-reat ta' pussess ta' droga il-licenzja kienet tinhareg. Jghid ukoll li l-licenzja ma nhargitx in segwitu ghas-sentenza sucitata ta' Carl Grima. Pero`, l-istess Supretendent stqarr illi wara li r-rikorrent inghatatlu l-licenzja *de quo* **huwa wettaq ir-reat ta' pussess ta' droga waqt li kien fil-pussess tal-istess licenzja**. Dan huwa ghal kollox infondat stante li mid-dokument Dok DA3 a fol. 56 sa 58 tal-process jirrizulta illi l-istess reat gie mwettaq f'Mejju 2013 u cioe` qabel inharget il-licenzja fl-2014. Infatti Mark Camilleri, rapprezentant tal-Kumpanija G4S jistqarr illi r-

[10] **Masini noe vs Podesta` noe** (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

rikorrent beda jahdem mal-istess Kumpanija f'Novembru 2014. Illi ghaldaqstant din zgur li kienet konsiderazzjoni irrilevanti fic-cirkostanzi.

Illi, pero`, aktar minn hekk, filwaqt li dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fis-sentenza ta' Carl Grima iqis li c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huma kemmxejn differenti minn dawk tal-kaz ta' Carl Grima u dan in vista tal-agir tal-istess Grima fil-kommissjoni tal-istess reat. Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` li jaghmel apprezzament shih tal-provi mressqa mir-rikorrent u huwa tal-fehma illi l-Kummisarju intimat ma kienx gustifikat jirrifjuta l-istess licenzja ghar-ragunijiet msemmija mis-Supretendent Ramon Mercieca waqt ix-xhieda tieghu.

Illi huwa fatt li r-rikorrent zbalja, pero` quddiem dan it-Tribunal gie ppruvat illi fil-kors tax-xoghol tieghu ta' gwardjan privat huwa kien qed jesegiwixxi x-xoghol tieghu b'mod incensurabbli u dan *nonostante* r-reat imwettaq minnu fl-2013. Illi hawn mhux qed nitkellmu fuq xi traffikant tad-droga imma fuq persuna li zbalja u s-socjeta`, inkluz l-Awtoritajiet tal-pajjiz, jekk jaraw li veru hemm rieda tajba biex wiehed jaqbad it-triq it-tajba, ghandhom jaghtu kull opportunita` lil dik il-persuna biex jghinuha tkompli fit-triq it-tajba. Imbaghad sta ghal dak li jkun jipprova li kien jimmeritah il-fiducja li s-socjeta` tkun uriet fih.

Illi dan it-Tribunal japprezza li l-Kummissarju intimat ghandu bicca xoghol difficli biex iwiezen l-interess pubbliku u d-dritt tal-individwu li jikseb il-licenzja *de quo,* bhal ma *del resto* ghandu dan it-Tribunal meta jigi biex jirrevedi l-istess decizjoni. Ghalhekk hu utili li f'dan l-istadju t-Tribunal jaghmilha cara li huwa ma sab l-ebda *mala fede* fl-agir tal-Kummissarju intimat.

Finalment jigi rilevat illi dan it-Tribunal ma jistghax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex johrog il-licenzja *de quo* stante li l-poteri tieghu huma biss dawk ta' revizjoni. Tali ghemil huwa setgha li l-ligi taghti biss lill-Kummissarju intimat. Sta issa ghall-istess Kummissarju ntimat li fid-dawl ta' din is-sentenza jirrevedi l-istess decizjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni ta' rifjut tal-Kummissarju intimat ghandha tigi revokata fl-intier taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell limitatament billi jirrrevoka d-decizjoni ta' rifjut ghat-tigdid ta' licenzja ta' gwardjan privat tal-Kummissarju intimat

datata 21 ta’ Lulju 2015, u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li din giet sorvolata fil-mori, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Kummissarju intimat.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**